**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/166/16/S

Maria Lourdes Abela
Vs
Cycle World Ltd

Illum 19 ta'Lulju,2017.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Maria Lourdes Abela pprezentata fl-14 ta'Settembru,2016 u r-risposta tas-socjeta Cycle World Ltd ipprezentata fit-3 t'Ottubru,2016;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u l-avukat tar-rikorrenti;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda bejgh ta'mutur li skont iben ir-rikorrenti, ma bediex jahdem kif suppost ftit wara l-imsemmi bejgh filwaqt li s-socjeta intimata tikkontesta dan u ssostni li ma saritlux manutenzjoni skont il-garanzija u li r-rikorrenti ma haditx hsieb l-istess mutur;

Illi t-talba tar-rikorrenti hija msejsa fuq l-artikolu 73 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta u r-rimedju mitlub hu dak li johrog mill-artikolu 76 tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi min-naha l-ohra r-rikorrenti naqset li tipprova li hija mxiet fuq dak stabbilit mill-artikolu 79(1) u 79(2) tal-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta;

Illi jinghad mal-ewwel li ma ngabet ebda prova konklussiva li l-mutur in kwistjoni hu difettuz kif allegat mir-rikorrenti;

Illi min-naha l-ohra jidher li t-tiswijiet maghmula mis-socjeta intimata ma solvewx il-problemi msemmija minn iben

ir-rikorrenti u partikolarment is-'safe starter'; ir-rota ta' wara tillokkja; u li l-magna ma tistartjax wara li tishon;

Illi gie konfermat li s-socjeta intimata ma zammitx flus tat-tiswijiet li saru fuq il-mutur tar-rikorrenti anki wara li ghadda l-perjodu tal-garanzija;

Illi gie allegat (liema allegazzjoni ma gietx kontestata mir-rikorrenti) li meta giet prezentata din it-talba quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti kienet diga bi tmien pagamenti b' lura;

Illi mill-provi mressqa quddiem dan it-Tribunal, ma jirrizultax li hemm lok ghar-rexissjoni tal-kuntratt ta'bejgh tal-imsemmi mutur;

Illi tenut kont tac-cirkostanzi tal-kaz, it-talba rikorrenti hi wahda li ma gietx ippruvata izda s-socjeta intimata ghandha taghmel it-tiswijiet kollha necessarji minghajr hlas sabiex il-mutur ikun jahdem sew kif wiehed jistenna minn mutur gdid;

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz u wara li ra l-Kap 378 tal-Ligijiet ta'Malta, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Maria Lourdes Abela filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Cycle World Ltd b'dan li s-socjeta intimata ghandha sa gimghatejn mill-llum taghmel it-tiswijiet kollha necessarji u bla hlas sabiex il-mutur ikun jahdem sew kif suppost, b'kull parti thallas l-ispejjez taghha ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru